# SANTI QODMA TA' SANTA KATARINA



SANTA CATERINA, Verg. e Mart.

Fl-imgħoddi, aktar mill-lum, it-tfaddil tas-santi kien komuni ħafna fil-ħajja tal-poplu tagħna.

Is-santi kienu jintużaw għat-talb u kif ukoll biex ifakkru xi ġrajja speċjail. Kienet ukoll użanza li fil-pakketti taċ-ċikwejra wieħed kien isib santa li dawn kienu jvarjaw fil-kwalita' u fis-suġġett bħal misteri tar-Rużarju, il-Via Sagra, l-Istatwi Titulari, il-Papiet u oħrajn.
Minħabba li s-santi kienu komuni ħafna f'dawn il-gzejjer daħlu hawn eluf kbar u ta' kwalitajiet differenti. L-aktar li ġew mill-Italja.
Sa mit-tfulija tiegħi (dan iffisser madwar 50 sena ilu) dejjem faddalt dawn ix-xbihat qaddisa b'għożża kbira b'mod li llum għandi numru kbir ta' santi maqsuma f'kategoriji differenti. Minn dawn għażilt ħamsa li jirraprezentaw lil Santa Katerina.

Santa Nru 1.
Hawn qegħdin naraw lil qaddisa bil-palma u r-rota liebsa ilbies aħmar jagħti fir-roza u fuqha mantell aħdar, imberfla b'gallun aħmar u fl-isfond għanda id-dehra ta' pajsaġġ.
Fir-rokna tax-xellug naraw l-isem tad-ditta li stampat din is-santa jigifieri tal-Cav. A. Martini ta' Ruma filwaqt li fuq in-naħa l-oħra naraw in-numru tal-katalgu 104. Dan kien jintuża biex wieħed jkun jista' jordna minn dawn is-santi.
Fuq wara tas-santa hemm talba bit-taljan li għanda l-Imprimatur ta' Padre Cavoli Nardi li kien il-Pro Vigarju u li din għandha d-data tat-12 ta' Jannar 1899.
Nota interessanti naqrawha isfel li tgħid hekk "Roma, presso l'Eco dei Pontificali, Roma"

Santa Nru 2.
Din fiha l'istess talba iżda x-xbieha hija għal kollox differenti. Hawn naraw mezzo bust tal-qaddisa bil-palma u r-rota. Hawn narawha liebsa mantel bajdani fuq libsa li tagħti fil-vjola u ċ-ċelesti.
F'idha il-leminija għandha xabla.
Bħala stampa u kuluri huma mill-aqwa fosthom id-deheb tad-dijadema, il-maqbad tax-xabla u a"essorji oħra.



SANTA CATERINA, Verg. e Mart.




Din is-santa wkoll fiha in-numru tal-katalgu 8199.
Dawn l-ewwel żewġ santi ħarġu madwar disgħin sena ilu iżda din it-tieni waħda ħarġet mingħand il-patrijiet Tereżjani ta' Milan. Dawn kellhom stabbiliment kbir tas-santi minn fejn ħarġu għadd kbir ta' santi mill-isbaħ li llum huma imfittxija mill-kollezzjonisti tas-santi.

Santa Nru 3.
Din hija l-iżgħar waħda mill-ħamsa. Hi replica ta' l-ewwel waħda u għandha wkoll l-istess talba iżda ma fiha ebda indikazzjoni fejn ġiet stampata.



SANTA CATERINA VERG. E MART.



Santa Caterina V. M.

Santa Nru 4.
Din ukoll fiha l-istess talba iżda mhiex qadima daqs l-oħrajn. Interessanti l-isfond tax-xena Rumana imdawra b'għadd ta' ġilji bojod simbolu tal-verġinita' tal-qaddisa.
Kontra s-santi l-oħra hawnhekk lil qaddisa narawha bla kuruna u bla mantel fuq rasha.
Ir-rota hawnhekk ma narawhiex f'id il-qaddisa iżda mistrieħa ma bażi ta' colonna u minflok ir-rota, f'idejn il-qaddisa naraw ktieb.
In-numru 79 tal-katalgu, qiegħed fuq wara l'isfel mit-talba.

Santa Nru 5.
Din ħarġet madwar ħamsin sena ilu mid-ditta Taljana Eli li għadha tistampa s-santi sa' llum. Għandha in-numru 189. Fuq wara ma fiha ebda talba.
F'din ix-xbieha naraw lil qaddisa bil-palma u qegħda fuq sfond ta' bini rjali.
Qrib ir-rota naraw żewġ ġilji simbolu tal-verġinita, u ħdejhom l-isem tal-qaddisa.

Kif rajna dawn il-ħames santi, għandhom warajhom tifkiriet ħelwin marbuta mal-kult ta' Santa Katarina. Ħasra li matul il-mixja tas-snin santi simili u oħrajn inqerdu għal kollox, ħtija tan-nuqqas ta' apprezzament lejn dawn l-affarijiet.

***Tony Terribile***




TA' KIRTAGNI
258